**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru.: 546/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**
**(Spettur Gabriel Kitcher)**

**-Vs-**

**JULIAN CUCCIARDI**

**Illum, 25 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JULIAN CUCCIARDI** ta' 28 sena, iben Saviour u Doriette (Doris) nee' Spiteri, mwieled Pieta' fit-28 ta' Frar 1993, jirrisjedi fil-fond 2, Farmhause, Triq it-Troll, Żebbug u detentur tal- karta tal-identita bin-numru 139293M li ġie akkużat talli:-

1. Fl-20 ta ' Lulju 2021, ghall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu fi Triq Qormi, Marsa volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara huwa izjed minn elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u dan ai termini tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. talli fl-istess data, lok ħin u ċirkostanzi, ħebbejt ghal Keith Vassallo billi kkaġunajtlu feriti ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat mit-tabib Dr.Robert Patiniott (MD1860), ai termini tal-Artikoli 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi insulentajt, ħeddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Keith Vassallo, ai termini tal-Artikolu 339 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

4. talli fl-istess data, lok ħin u ċirkostanzi volontarjament ksirt il bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. talli fl-istess data, lok ħin u ċirkostanzi volontarjament għidt kliem oxxen jew indeċenti jew għamilt atti jew ġesti oxxeni jew b'xi mod ieħor joffendi l-morali, l- imġieba xierqa jew il-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika u dan ai termini tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

6. talli sirt reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tapplika wkoll l- Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Keith Vassallo.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Generali fis-26 ta' Lulju 2021 biex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2022 li mhux ħati u li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża u tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan hu każ estrem ta' *road rage* li seħħ fl-20 ta' Lulju 2021, fejn l-imputat qed jiġi mixli li volontarjament għamel ħsara fil-vettura Ford Fiesta bin-numru ta' reġistrazzjoni HBR-838 li kienet misjuqa minn Keith Vassallo iżda di proprjeta' ta' Nicholas Frendo ta' Palm Shipping Agency Limited.

**Keith Vassallo** xehed illi fl-20 ta' Lulju 2021 kien sejjer għax-xogħol u kien qed isuq il-vettura tal-għamla Ford Fiesta li hija karozza li tappartjeni lil min iħaddmu u kienet inxtrat minn Gasan Zammit Motors. Kien tiela' fil-karreġġjata tal-lemin fit-telgħa tal-Malta Post ġewwa Ħal Qormi u dak il-ħin it-traffiku kien wieqaf. Kien hemm vann tiela' fil-karreġġjata tax-xellug li f'salt, qata' għal quddiemu, rass għal fuqu[1] u intefa' quddiemu. Hu ma setax jiċċaqlaq għaliex il-vann ġie quddiem il-karozza tiegħu. Ix-

[1] L-ewwel daqqa – Dok. KV4.

xufier niżel mill-vann u beda jgħajjat, qallu "*suq ħa mmorru*" u "*ħa nirriversja fuqek*" u fil-fatt qabad jirriversja. Keith Vassallo spjega li dak il-ħin beda jipprova jirriversja biex ma jintlaqatx mill-vann iżda kien hemm il-karrozzi weqfin warajh u l-vann laqat lill-karozza tiegħu bil-kantuniera tal-kaxxa[2]. Imbagħad ra li seta' jiskapulah min-naħa tax-xellug u saq kemm jista' jkun malajr biex jitlaq, waqt li lix-xufier l-ieħor qallu li ħa jmur jirrapportah lill-Pulizija. Iżda reġa' weħel fit-traffiku ftit iktar 'il fuq taħt il-pont u f'daqqa u l-ħin, il-vann reġa' ġie quddiemu, għalaqlu t-triq u niżel ix-xufier, li tah daqqtejn ta' ponn, qasamlu xufftejh u xxuttja l-bieba tal-vettura tiegħu[3]. Dak il-ħin bdew jieqfu n-nies u waqaf ukoll tabib u xi ħaddieħor li bdew iwaqqfu lix-xufier tal-vann u dan reġa' tela' fil-vann u telaq minn fuq il-post.

**Dr. Robert Patiniott** xehed dwar il-ġrieħi li ġarrab Keith Vassallo allegatament b'riżultat tad-daqqiet ta' ponn li xejjirlu l-imputat, liema ġrieħi ġew dokumentati f'ċertifikat mediku (Dok. F) li ġie rilaxxat minnu fl-20 ta' Lulju 2021 fil-11.50 a.m. wara li eżamina lill-istess Keith Camilleri fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana. Dr. Robert Patiniott ikkonferma fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti illi Keith Vassallo kien qed jilmenta b'uġigħ fis-snien t'isfel fuq in-naħa tal-lemin u ngħata parir biex jiġi eżaminat minn dentist. Kellu wkoll tbenġila fuq in-naħa ta' ġewwa tax-xoffa t'isfel, ukoll naħa tal-lemin, b'dijametru ta' madwar ċentimetru u kienet mifuħa iżda l-ferita ma kienetx tidher minn barra.

**Dr. Moses Camilleri** xehed illi inzerta kien għaddej b'mutur fil-ħin tal-inċident u rah iseħħ mill-bidu sal-aħħar. Xehed illi fit-telgħa quddiem Maltapost, kien hemm it-traffiku u ra vann fil-karreġġjata tax-xellug, xi sitt karozzi quddiemu fit-telgha, u ra wkoll karozza bajda fil-karreggjata tal-lemin. Iż-żewġ xufiera kienu qed jillettikaw bejniethom bit-tpaqpiq tal-horns u ġestikolazzjonijiet li dehru aggressivi u kienu jidhru li qegħdin f'kompetizzjoni bejniethom. Innega li ra l-karozza qed tipprova taqla' mit-traffiku, għaliex it-traffiku kien wieqaf dak il-ħin. F'ħin minnhom ra l-vann

---

[2] Dok. KV2 – it-tieni daqqa.

[3] Dok. KV3 u Dok. KV5 – it-tielet daqqa.

miexi lejn l-karozza billi minflok mexa għad-dritt, resaq lejn in-naħa tal-lemin u laqat il-karozza. Hu beda riesaq viċin dawn iż-żewġ vetturi u nnota li ż-żewġ xufiera baqgħu jargomentaw u l-vann kiser quddiem il-vettura b'mod li l-vettura ma setgħetx tkompli miexja 'l quddiem. Dak il-ħin ix-xufier tal-vann kien qed jgħajjat, ħareġ minn ġol-vann u mar ħdejn il-karozza l-bajda li dak il-ħin kienet wieqfa iżda x-xufier baqa' fil-karozza. Hu waqqaf il-mutur għaliex kien wasal ħdejhom, f'liema waqt ix-xufier tal-vann kien laħaq wasal ħdejn il-karozza u beda jagħti bil-ponn minn ġot-tieqa tal-karozza lix-xufier l-ieħor li ma kienx ħareġ minn ġol-karozza. Hu niżel minn fuq il-mutur u beda jgħajjat biex jieqfu u x-xufier tal-vann, li għarfu bħala l-imputat Julian Cucciardi minħabba tpenġija li għandu f'wiċċu – xi ħaġa li qal ma jistax jinsiha - mar lura fil-vann irrabbjat u saq. Sadanittant, ix-xufier tal-karozza ħareġ u beda jurih xofftejh fejn kellu daqsxejn ħmura u kien anzjuż ħafna.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll filmat fuq CD (Dok. E)[4], liema filmat presumibbilment juri l-akkadut mertu tal-kawża iżda minkejja dan, baqgħet ma tressqitx il-persuna li allegatament ġibdet il-filmat jew il-persuna li elevat dan il-filmat minn xi CCTV camera fl-inħawi, skont il-każ, biex tixhed u tikkonferma illi dan il-filmat tassew jirreferi għad-data tal-inċident in diżamina u l-post fejn dan seħħ. Dan ifisser li hi nieqsa prova tac-*chain of custody* ta' dan il-filmat u b'hekk hija nieqsa wkoll l-aħjar prova li torbot il-filmat mal-fatti li joħorġu mix-xhieda li semgħet il-Qorti u konsegwentement, il-Qorti m'hijiex sejra tagħti valur probatorju lil dan il-filmat.

Il-Qorti tosserva illi l-istqarrija li l-imputat Julian Cucciardi kien irrilaxxa lil PS 1085 Joseph Bayliss fil-5 ta' Lulju 2022, ingħatat mingħajr ma ġie mwissi li għandu d-dritt tas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruħu. Huwa minnu li l-imputat ingħata l-jedd għal assistenza legali u rrinunzja għal dan id-dritt permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub (Dok. JB1) iżda minn imkien – la mir-rapport tal-okkorrenza u lanqas mix-xhieda ta' PS 1085 Joseph Bayliss – ma jirriżulta li huwa ngħata twissija dwar id-drittijiet legali oħrajn spettanti lil persuna li hija suspettata li kommettiet reat kriminali.

---

[4] Paġna 46A tal-atti proċesswali.

L-artikolu 534AB(1) tal-Kap. 9 jistipola li għandu jkun id-dmir tal-Pulizija li tinforma lill-persuna suspettata bla ebda dewmien b'numru ta' drittijiet proċedurali, fosthom:

"*(a) id-dritt ta' aċċess għal avukat;*
*(b) kull dritt għal parir legali mingħajr ħlas u l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' dak il-parir;*
...
*(e) id-dritt li jibqa sieket...*"

Imbagħad, is-subartikolu (2) tal-istess dispożizzjoni legali jipprovdi:-

*(2) L-informazzjoni pprovduta taħt is-subartikolu (1) għandha tingħata verbalment jew bil-miktub, b'lingwa sempliċi u aċċessibbli, b'kunsiderazzjoni għall-bżonnijiet partikolari tal-persuni vulnerabbli, suspettati jew akkużati fil-kuntest tal-artikolu 208AĊ(2).*

Huwa indiskuss li meta PS 1085 identifika lill-imputat bħala l-persuna li kien qed isuq il-vettura li allegatament ħabtet fil-vettura ta' Keith Vassallo, u bagħat għalih l-Għassa tal-Pulizija, l-imputat dak il-ħin kien qed jitqies bħala persuna suspettata bil-kommissjoni ta' reat kriminali, tant illi ingħata d-dritt għall-assistenza legali. Għalhekk kellu jingħata wkoll id-dritt li jibqa' sieket u d-drittijiet l-oħrajn elenkati fl-artikolu 534AB tal-Kap. 9 biex kull dikjarazzjoni tiegħu magħmula f'dak l-istadju inkluż kull konfessjoni, titqies li tkun saret volontarjament u b'hekk tista' tittieħed bħala prova kontra tieghu jew bħala prova tal-htija tieghu skont il-każ. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti mhux sejra tieħu qies tad-dikjarazzjonijiet li għamel l-imputat lil PS 1085 u li jirriżultaw mix-xhieda tal-istess uffiċjal tal-Pulizija u mir-rapport tal-okkorrenza.

Madankollu, l-imputat għażel li jixhed quddiem il-Qorti u xehed fil-11 ta' Lulju 2023.

**Julian Cucciardi** xehed illi dakinhar kien sejjer bit-tfal il-Polyclinic u kif kien nieżel it-triq ġewwa Ħal Qormi fejn hemm il-pompa fin-nofs, kien hemm karozza li bdiet tpaqpaqlu u kwazi laqtet mutur. Kif ġie maġenb din il-karozza, lix-xufier l-ieħor qallu li ma kellux għalfejn isuq hekk għaliex kellu t-tfal miegħu fil-vann iżda x-xufier l-ieħor beda joffendih u jkellmu ħażin. Meta waslu ħdejn ir-roundabout tal-Pavi waqfu biswit xulxin għaliex kien hemm it-traffiku, fejn ix-xufier l-ieħor qallu li mhux ser jiddejjaq minnu, u kif bdew telgħin it-telgħa, reġa' kellmu ħażin u huwa wieġbu lura. Il-karozza l-oħra bdiet isserrep u meta mbagħad laħaqha ħdejn ir-roundabout ta' taħt il-pont, sakkar il-karozza bil-vann tiegħu u niżel għax-xufier l-ieħor għaliex reġa' kellmu ħażin. Dak il-ħin ta daqqa ta' sieq fil-bieba tal-karozza u għamillu għafsa kbira fil-bieba, tant li trid tinbidel bil-ħsara li kellha. L-imputat sostna li għamel ħsara biss fil-bieba tal-karozza l-oħra u nnega li laqat il-karozza bil-vann tiegħu għaliex anke kieku ried jagħmel hekk, ma kienx hemm fejn jimmanuvra minħabba t-traffiku u kien jispiċċa jolqot karozzi oħrajn. Qal li anke l-Pulizija kienu raw li l-vann tiegħu ma kellu ebda ħsara. L-imputat għalkemm stqarr li veru li huwa pprova jiġbed xi daqqiet ta' ponn lix-xufier l-ieħor minn ġot-tieqa tal-karozza, ma kienx messu jew laqtu b'xi mod f'wiċċu għaliex l-ieħor kien resaq lura u beda jgħidlu "*ittinix, sawwatnix*". Fil-fatt, ta daqqa ta' sieq fil-bieba tal-karozza għaliex ma kien irnexxielu jolqot lix-xufier l-ieħor u kien, fi kliemu stess "*indannat*".

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi wara li semgħet lill-imputat jixhed quddiemha u rat il-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda, m'hi xejn konvinta mill-kredibbilita' tiegħu u l-veraċita' tal-verżjoni li xehed dwarha. Ibda biex il-verżjoni tal-imputat li ma rnexxilux jolqot ix-xufier tal-karozza (li kien u baqa' bilqiegħda fil-karozza) bid-daqqiet tal-ponn li ġibidlu minn ġot-tieqa, mhijiex verosimili, bħalma hija wkoll evidentement nieqsa mill-kredibbilita' ix-xhieda tiegħu meta ċaħad li kien rass il-karozza l-oħra fit-telgħa. Minflok ċaħad bla tlaqliq il-verżjoni ta' Keith Vassallo u Dr. Moses Camilleri fir-rigward, l-imputat sostna li ma kienx possibbli għalih jagħmel manuvra bħal din għaliex kien hemm it-traffiku u kieku kien jolqot vetturi oħrajn.

Iżda għall-Qorti din il-verżjoni ma tagħmilx wisq sens meta l-imputat fl-istess nifs xehed li l-karozza l-oħra bdiet isserrep fit-telgħa.  Tqis illi jekk il-karozza l-oħra kellha l-wisa' biex isserrep, kien hemm wisa' wkoll biex l-imputat iross mal-karozza u jirriversja għal fuqha.  Il-Qorti, mill-assjem tal-provi u x-xhieda fehmet illi l-imputat tant irrabja meta Keith Vassallo kellmu ħażin meta kienu telgħin it-telgħa biswit xulxin, li heddu li ser jirriversja fuqu u hekk għamel, iżda billi x-xufier l-ieħor irnexxielu jiżgiċċa, bir-rabja li ħakmitu[5], ma felaħx iħallih jaħrab u ra kif għamel biex laħqu.  Hemmhekk waqqfu billi għalaqlu t-triq bil-vann, u infexx fid-daqqiet f'wiċċ ix-xufier u fil-karozza tiegħu.

Iżda fuq kollox, din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha wkoll wara li qieset il-fatt illi x-xhieda ta' Dr. Moses Camilleri, ix-xhud okulari, mhux biss hija pjenament konsistenti mal-verżjoni  ta' Keith Vassallo u tikkoroboraha bis-sħiħ, iżda iktar minn hekk ixxejjen il-verżjoni tal-imputat li l-vettura misjuqa minn Keith Vassallo bdiet isserrep, kif ukoll meta nnega illi huwa rriversja l-vann fuq il-karozza misjuqa minn Keith Vassallo.  Din ix-xhieda tgiddeb lill-imputat meta xehed illi ma kienx laqat lix-xufier l-ieħor bid-daqqiet tal-ponn f'wiċċu.  Kif rajna, Dr. Moses Camilleri xehed illi meta l-vetturi kienu għadhom fit-telgħa, huwa ra l-vann miexi lejn il-karozza u jolqotha, filwaqt li hekk kif wasal viċin iż-żewġ vetturi, ra lill-imputat jagħlaq il-karozza bil-vann tiegħu, joħroġ mill-vann, imur ħdejn il-vettura u jagħti bil-ponn lix-xufier minn ġot-tieqa tal-lemin tant illi kien ra l-ħmura f'xofftejn ix-xufier l-ieħor.

Minn dan kollu, il-Qorti hi pjenament konvinta illi l-imputat mhux biss volontarjament ikkaġuna ħsara lill-vettura misjuqa minn Keith Vassallo[6], proprjeta' ta' Palm Shipping Agency Limited, meta deliberatament saq għal fuq il-vettura u laqatha bil-kaxxa tal-vann tiegħu kif ukoll meta *ex admissis*, ta bis-sieq fil-bieba tax-xufier,

---

[5] Dr. Moses Camilleri xehed li l-imputat kellu rabja kbira fuqu.

[6] Mix-xhieda ta' PS 1085 Joseph Bayliss, jirriżulta illi Keith Vassallo irrapporta li l-vettura li kien qed isuq meta seħħ l-inċident fl-20 ta' Lulju 2021, kellha n-numru ta' reġistrazzjoni HBR-838.  Mix-xhieda ta' Stephen Cachia, 21 ta' April 2021 (Dok. SC1), jirriżulta li din il-vettura kienet Ford Fiesta ta' lewn abjad, liċenzjata f'isem Palm Shipping Agency Limited (Nicholas Frendo).  Il-vann bin-numru tar-reġistrazzjoni EAA-146 – skont ir-rapport li sar minn Keith Vassallo – kien reġistrat f'isem l-imputat, Julian Cucciardi, fid-data tal-inċident, 20 ta' Lulju 2021 (Dok. SC1, paġna 57 u 58 tal-atti proċesswali).

iżda ikkaġuna wkoll offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Keith Vassallo meta tah bil-ponn f'wiċċu minn ġot-tieqa tal-vettura.

Fir-rigward tal-offiżi li ġarrab Keith Vassallo, il-Qorti tqis li għandhom jitqiesu bħala offiżi ħfief ta' importanza żgħira skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 221 tal-Kap. 9. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa minnu li mill-provi jirriżulta li Keith Vassallo kellu tbenġila u nefħa fix-xoffa t'isfel, din kienet fuq in-naħa ta' ġewwa u ma kienetx tidher esternament. Barra minn hekk, meta xehed, Keith Vassallo ma lmentax li sofra minn xi komplikazzjonijiet b'riżultat ta' din in-nefħa jew li din kellha effetti li baqgħu jinħassu jew jidhru. Fil-fatt ma semma xejn fix-xhieda tiegħu dwar din il-ferita ħlief illi kellu xofftejh maqsuma u ma kellux "*ġrieħi kbar*". Lanqas semma, fid-depożizzjoni tiegħu, li kellu uġigħ fi snienu t'isfel u għalkemm Dr. Robert Patiniott xehed illi huwa tah parir biex jikkonsulta ma' dentist, ma jirriżultax mix-xhieda u mill-provi jekk Keith Vassallo kienx tassew ġarrab xi ħsara fi snienu b'rizultat tad-daqqiet tal-ponn li qala' mingħand l-imputat. Għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-effett tal-feriti li ġarrab Keith Vassallo ma kienx merament ta' importanza żgħira ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment. Dan id-dubju għandu jibbenefika minnu l-imputat u għalhekk il-Qorti tqis li għandu jinstab ħati li kkaġuna offiżi fuq il-persuna ta' Keith Vassallo a tenur tas-subartikolu (3) mhux is-subartikolu (1) tal-artikolu 221 tal-Kap. 9. Billi ma jirriżultax li dawn l-offiżi saru b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217 tal-Kap. 9 u lanqas saru fuq wieħed mill-persuni msemmija fl-artikolu 221(a)(b) tal-Kap. 9, il-piena erogabbli hija l-piena tal-kontravvenzjonijiet.

Il-ħsarat li ġarrbet il-vettura Ford Fiesta bin-numru ta' reġistrazzjoni HBR-838, meta din inlaqtet bid-daqqiet ta' sieq imfajrin mill-imputat, kif ukoll bid-daqqa li qalgħet mill-vann meta l-imputat irriversja u laqatha bil-kantuniera tal-kaxxa, jinsabu dokumentati f'survey report li ġie mħejji fuq inkarigu ta' Elmo Insurance Limited, l-assiguratur tal-vettura, fid-29 ta' Settembru 2021 (Dok. GSN3) abbażi ta' stima tal-ħsarat li saret minn Gasan Zammit Motors Limited fil-21 ta' Lulju 2021 (Dok. GG1),

fis-somma ta' €2,640.96[7]. George Stagno Navarra xehed illi Elmo Insurance Limited ħallset lill-assigurat tagħha Nicholas Frendo ta' Palm Shipping Agency, is-sid tal-vettura HBR-838, is-somma ta' €2,456.96[8] għaliex ġie mnaqqas il-pagament dovut lilha mill-assigurat innifsu in linea ta' excess payment fis-somma ta' €150.

Il-Qorti diġa' kkonkludiet illi l-ħsarat li ġew ikkaġunati fil-vettura misjuqa minn Keith Vassallo fl-20 ta' Lulju 2021 ġew hekk ikkaġunati volontarjament mill-imputat meta baqa' dieħel deliberatament f'din il-vettura u ta wkoll daqqiet tas-sieq fil-bieba tax-xufier. Id-difiza ma kkontestatx il-valur tal-ispiża tat-tiswija tal-vettura u l-ammont li ġie imħallas minn Elmo Insurance Limited lis-sid tal-vettura, assigurat magħha iżda kkontestat il-fatt illi l-imputat ġie mixli li kkaġuna l-ħsarat kollha riskontrati fil-vettura għaliex mhux possibbli li huwa kkaġuna ħsarat fuq quddiem u fuq wara wkoll meta huwa ammetta l-ħtija tiegħu biss għall-ħsarat ikkawżat fil-bieba.

Il-Qorti wara li rat is-survey report (Dok. GSN3) u l-istima tal-ħsarat (Dok. GG1), kif ukoll ix-xhieda ta' Keith Vassallo u l-ispjegazzjoni tiegħu tal-ħsarat li jidhru fir-ritratti Dok. KV2, KV3, KV4 u KV5, hi konvinta li l-ħsarat huma sostanzjalment kompatibbli mal-ħsarat ikkaġunati mill-imputat fit-tliet episodji fejn laqat il-vettura misjuqa minn Keith Vassallo u konsegwentement, tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tissodisfa l-oneru tal-prova dwar il-valur tal-ħsarat ikkaġunati mill-imputat fil-vettura HBR-838.

Madanakollu, il-Qorti ma taqbilx illi s-somma ta' €150 in linea ta' *excess payment* u s-somma ta' €56 rappreżentanti l-ispejjeż għall-kiri ta' vettura alternattiva, għandhom jitqiesu bħala parti mill-valur tal-ħsarat volontarji kkaġunati mill-imputat. Il-liġi titkellem, għall-fini tal-piena għar-reat taħt l-artikolu 325 tal-Kap. 9, fuq l-ammont tal-ħsara lill-ħwejjeġ mobbli jew immobbli ta' ħaddieħor, u mhux fuq il-valur tad-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-vittma b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat. Għall-

---

[7] Ara xhieda ta' Gordon Gauci, 5 ta' Lulju 2022, u xhieda ta' Keith Vassallo u Spettur Darren Buhagiar, 10 ta' Marzu 2022.

[8] €2,640.96 pju' €56 car rental (dokument f'paġna 91 tal-atti u riċevuta paġna 91A), nieqes €150 excess payment. Ara wkoll Dok. GSN5.

Qorti dan ifisser li biex jiġi stabbilit il-valur u konsegwentement, il-piena għar-reat taħt l-artikolu 325 tal-Kap. 9, għandu jittieħed qies biss tal-valur tal-ispiża jew in-nefqa li trid issir biex il-ħsara effettivament ikkaġonata, tiġi msewwija jew f'każ tat-tiġrif totali tal-ħaġa, il-valur tal-ħaġa fiż-żmien tar-reat. Ma jiffigurawx f'dan l-eżerċizzju spejjeż inkorsi in linea ta' telf tal-użu tal-ħaġa sakemm tissewwa l-ħsara kkaġonata volontarjament, l-element tad-deprezzament fil-valur tal-ħaġa mħassra jew l-ispejjeż li jitħallsu biex id-danneġġjat jista' jattwa l-jedd tiegħu għall-indennizz mingħand l-assiguratur tiegħu.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-valur tal-ħsarat li ġew ikkaġonati mill-imputat bit-twettiq tar-reat taħt l-artiklu 325 tal-Kap. 9 huwa ta' €2,584.96 liema valur, madankollu, jeċċedi s-somma ta' €2,500 u konsegwentement, il-piena applikabbli hija dik taħt is-subartikolu (a) tal-imsemmi artikolu 325.

Il-Qorti tosserva wkoll illi Nicholas Frendo u jew Palm Shipping Agency Limited, ma kkostitwixxiex ruħu bħala l-parti offiża f'dawn il-proċeduri u lanqas xehed quddiem il-Qorti in rappreżentanza tal-kumpannija Palm Shipping Agency Limited, is-sid liċenzjat tal-vettura HBR-838, biex jiddikjara li qed jistenna li jiġi kkumpensat għall-ħlas li għamel lill-assiguratur tal-vettura u biex jafferma li ġie kkumpensat mill-assiguratur tiegħu. Talba bħal din ma saritx lanqas minn Elmo Insurance Limited u fil-fehma tal-Qorti, din il-kumpannija ma tistax titqies bħala l-parti offiża jew il-vittma tar-reat imwettaq mill-imputat, għall-fini tal-kumpens li l-Qorti tista' tordna l-ħlas tiegħu taħt l-artikolu 15A jew l-artikolu 28H tal-Kap. 9. **Għalhekk, irrispettivament mill-fatt illi Elmo Insurance Limited ħallset is-somma ta' €2,456.96 għat-tiswija tal-ħsarat, il-Qorti m'hijiex sejra tagħmel ordni lill-imputat biex iħallas xi kumpens lil min ma ħax l-interess li jiġi ammess fil-proċeduri bħala parti jew bħala l-parti offiża jew il-vittma biex jitlob effettivament il-ħlas ta' kumpens**.

L-imputat ġie mixli wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, ċioe' li insulenta, hedded jew inġurja bil-kliem jew b'mod ieħor lil Keith Vassallo. Il-Qorti tqis li ġie suffiċjentement ippruvat illi l-imputat hedded lil Keith Vassallo li

sejjer jirriversja fuqu, tant illi din it-theddida mmaterjalizzat meta l-imputat tassew irriversja l-vann tiegħu fil-vettura misjuqa minn Vassallo u laqatha.

Ġie mixli wkoll li volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. Dan hu r-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

In tema ta' din il-kontravvenzjoni, il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minnha mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005[9] fejn trattat b'mod eżawrjenti l-elementi li jeħtieġu li jiġu ppruvati sabiex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm **ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil**.*

…

*U dik il-Qorti ziedet tghid li:- "Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):- "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para. 41-01). U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid:- "...although it has been held not to be a breach of the peace merely to*

---

[9] **Il-Pulizija v. Noel Tanti**.

*annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04)* (emfasi ta' din il-Qorti)

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deċiża fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:-

"*Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: '... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, **we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'** (p.182).*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Kif rajna mill-ġurisprudenza in materja, fuq ċitata, għalkemm mhux meħtieġa l-prova illi l-agir tal-imputat ikun attwalment nissel l-allarm f'persuna jew persuni oħrajn dwar l-inkolumita` fizika tagħhom jew inkolumita` tal-proprjeta` tagħhom, biex tiġi ravviżata ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali, l-aġir tal-imputat irid ikun tali li jkun kapaċi fih innifsu jnissel dan it-tħassib jew allarm mill-inqas f'persuna waħda oħra dwar l-inkolumita` tagħhom. Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi huwa manifest li l-komportament tal-imputat, anke oġġettivament, kiser il-buon ordni pubbliku għaliex mhux biss nissel l-allarm u biża' f'Keith Vassallo li ser iweġġgħu, talli effettivament weġġgħu u kkaġuna ħsara wkoll fil-karozza li kien qed isuq. Magħdud dan il-fatt illi Dr. Moses Camilleri xehed li minħabba l-aġir aggressiv tal-imputat, huwa ħass li kellu jieqaf u jintervjeni biex jipprova jwaqqfu milli jkompli jagħti lix-xufier l-ieħor bil-ponn u li Keith Vassallo

kien ansjuż ħafna meta ħareġ mill-karozza wara li l-imputat kien telaq minn fuq il-post.

Dan kollu magħdud hu biżżejjed biex jissodisfa l-elementi kollha tar-reat taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 u għalhekk, l-imputat għandu jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni.

Ir-raba' imputazzjoni addebitata lill-imputat hija dwar ir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9, li jiddisponi illi huwa ħati ta' kontravvenzjoni kull min igħid fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew jagħmel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika.

Fil-fehma tal-Qorti, filwaqt li huwa minnu li mix-xhieda jirriżulta li l-imputat offenda lil Keith Vassallo, heddu u wkoll għajjru, ħadd ma xehed il-kliem preċiż li ntqal mill-imputat u minn imkien ma jirriżulta li huwa għamel atti oxxen jew indeċenti, wisq inqas kliem jew ġesti li joffendu l-morali jew id-deċenza pubbliku.

Għaldaqstant l-imputat mhux ser jinstab ħati ta' dan ir-reat kontravvenzjonali.

Ikkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat ukoll bħala reċidiv. In sostenn ta' dan l-addebitu, xehed ir-Reġistratur tal-Qorti li kkonferma illi ngħatat sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Julian Cucciardi** fl-24 ta' Ġunju 2019. Madankollu, la jirriżulta minn din ix-xhieda jekk Julian Cucciardi li kien imputat fil-proċeduri li waslu għas-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, huwiex l-imputat odjern, Julian Cucciardi, u lanqas m'għandha quddiemha l-Qorti xi prova li b'din is-sentenza l-imputat odjern ġiex ikkundannat jew liberat mill-imputazzjoni dwar ir-reati li kien ġie mixli bihom fil-proċeduri relattivi. Fil-fatt, ma ġietx imressqa fl-atti proċesswali

kopja awtentikata ta’ din is-sentenza u lanqas kopja awtentikata ta’ xi sentenza oħra li kkundannat lill-imputata għal reat kriminali u infliġġiet piena.

Huwa minnu illi l-Prosekuzzjoni esebiet fl-atti proċesswali l-fedina penali tal-imputat iżda huwa daqstant assodat fil-ġurisprudenza in materja illi l-fedina penali mhijiex l-aħjar prova tal-addebitu tar-reċidiva: l-aħjar prova tikkonsisti f’kopji debitament awtentikati ta’ sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-aħjar prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta’ reat kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għaldaqstant, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini ta’ piena, il-Qorti ħadet qies tal-fatt illi l-imputat f’ebda waqt ma esprima xi rimors għall-aġir tiegħu, aġir li l-Qorti tirravviża fih l-estremi ta’ nuqqas ta’ kontroll tar-rabja. Huwa evidenti għall-Qorti, anke minn dan l-episodju waħdieni li għandha quddiemha, li l-imputat għandu diffikolta’ serja biex jikkontrolla b’mod effettiv l-ir-rabja tiegħu tant illi f’dan il-każ, din ir-rabja ddeġenerat f’manifestazzjoni ta’

aggressjoni u vjolenza li bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala ġustifikat. Imġieba bħal din tikkostitwixxi, fil-fehma tagħha, theddida serja għas-soċjeta' in ġenerali. M'huwiex aċċettabbli li sempliċi diverbju bejn żewġ xufiera li joffendu lil xulxin, jeskala sal-estrem li xi ħadd minnhom, f'dan il-każ l-imputat, isarraf ir-rabja tiegħu fi ħsara lill-proprjeta' tal-persuna l-oħra. Iżda ferm iktar inkwetanti minn hekk hu l-fatt illi minkejja l-ħsara volontarja mwettqa mingħajr ġustifikazzjoni, l-imputat ħass li kellu jkompli jieħu s-sodisfazzjon billi jsegwi l-vettura l-oħra, jikkaġuna ħsara ulterjuri u jinfexx ukoll jaggredixxi l-persuna l-oħra u jweġġagħha mingħajr ebda provokazzjoni ulterjuri. Dan mhux komportament normali wisq inqas aċċettabbli, *multo magis* meta dan iseħħ fil-presenza ta' tfal u meta jkun xprunat minn sempliċi diverbju.

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat li mhux biss m'hijiex waħda netta iżda minnha jirriżulta wkoll li l-imputat instab ħati diversi drabi ta' reati konnessi mas-sewqan u anke ingħata piena ta' priġunerija effettiva, inkluż ħtija għar-reat ta' ħsara volontarja fuq vettura ta' ħaddieħor. Jirriżulta wkoll li l-imputat ftit iqis b'rispett u serjeta' l-ordnijiet tal-qorti tant illi nstab ħati li kkommetta reat punibbli bil-priġunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Dan kollu jikkonvinċi lill-Qorti li l-imputat, li huwa ta' perikolu għas-soċjeta', m'għandux jibbenefika minn ordni taħt l-artikolu 28A tal-Kap. 9 fl-estremi ta' dan il-każ.

Għaldaqstant, fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti tqis li b'żieda mal-piena, l-imputat għandu jingħata t-trattament meħtieġ biex fl-aħjar interess tiegħu kif ukoll tas-soċjeta' in ġenerali li kif rajna, taf tispiċċa wkoll vittma tar-rabja mhux ikkontrollata tiegħu, jindirizza u jegħleb id-diffikoltajiet emottivi li jista' jkollu u biex jagħraf jikkontrolla b'mod effettiv din ir-rabja.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibux ħati tal-ħames imputazzjoni u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-artikoli 17, 31, 221(3)(b), 325(1)(a), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib**

**lil JULIAN CUCCIARDI ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u tikkundannah għoxrin (20) xahar priġunerija effettiva.**

**B'żieda mal-piena u b'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed ukoll lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet (3) snin biex jindirizza u jikkontrolla b'mod effettiv l-emozzjonijiet negattivi u rabja, dan skont it-termini u kundizzjonijiet u ghall-finijiet specifikati fl-Ordni moghtija kontestwalment, liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex jinżamm il-bon ordni pubbliku u biex ma jimmolestax lil Keith Vassallo u dan taħt penali ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza u l-Ordni ta' Trattament jiġu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole u lir-Reġsitratur tal-Qorti għall-fini tal-artikolu 28A(8)  tal-Kap. 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**